# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum il-5 ta' Diċembru 2023**

**Appell numru 37/2023**

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Keith CARUANA**
**Lara Marie BEZZINA**

Il-Qorti rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar is-26 ta' Jannar 2023 fil-konfront ta' Keith CARUANA (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 5484M) u Lara Marie BEZZINA (detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 222988M) li ġew mixlija talli:

   B'diversi atti magħmulin minnhom ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jkunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, nhar id-29 ta' Diċembru 2018 u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel ġewwa l-fond 20 'Maria' Triq Reġjonali Santa Venera:

   (i) Operaw stabbiliment tal-akkomodazzjoni tal-annimali mingħajr ma kellhom liċenza (L.S. 439.15);

(ii) U aktar talli fl-istess ħinijiet, ġranet u ċirkostanzi naqsu li jagħmlu applikazzjoni għal-liċenza għand id-direttur ta' lanqas xahrejn qabel bdew l-attivita' (L.S. 439.15);

(iii) U aktar talli fl-istess ġranet, ħinijiet u ċirkostanzi bħala persuni li sakkru jew ġiegħlu jew ippermettew lil xi annimal jissakkar f'xi post naqsu milli jieħdu dawk il-prekawzjonijiet meħtieġa skont iċ-ċirkostanzi sabiex ma jħallux lil dak l-annimal idejjaq lill-ġirien permezz ta' nbiħ, irwejjaħ jew xort'oħra (Kap. 10 Taqsima VIII).

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, iddeċidiet billi lliberat lill-appellanti mit-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u wara li rat l-Artikolu 7, 18, 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 3(1) u 3(2) tal-L.S 439.15 u l-Artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u kkundannathom għal ħlas ta' multa għas-somma ta' Euro 6000.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi CARUANA u BEZZINA appellaw minn din is-sentenza fejn talbu lill-Qorti sabiex joġgħobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabithomx ħatja tat-tielet imputazzjoni miġjuba fil-konfront tagħhom u tħassarha u tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellanti ħatja tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u minflok tilliberahom minnhom jew b'mod sussidjarju u strettament mingħajr preġudizzju għat-talbiet preċedenti, li tvarja l-piena erogata b'piena iktar ekwa u ġusta u dan wara li stqarrew is-segwenti (in suċċint):

(i) **Apprezzament żbaljat tal-provi prodotti u tal-Liġi applikabbli fir-rigward tas-sejbien ta' ħtija tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom:** illi l-appellanti jirrelevaw li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament u interpretazzjoni ħażina tal-provi miġjuba quddiemha u tal-Liġi applikabbli meta sabithom ħatja tal-ewwel u tat-tieni akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom u dan għaliex fl-umli fehma tal-appellanti l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt issib ħtija fil-konfront tagħhom. Illi l-appellanti ġew mixlija u misjuba ħatja talli operaw 'stabbiliment tal-akkomodazzjoni tal-annimali' mingħajr liċenza u wkoll talli naqsu li jagħmlu applikazzjoni sabiex jottjenu tali liċenza fit-terminu prefiss mil-liġi ossia fi żmien xahrejn

qabel l-inizzjar tal-attivita' u dana bi ksur tar-regolamenti kontemplati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.15 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Illi wieħed irid jagħmel distinzjoni bħalma fil-fatt issir anke mil-Liġi nnifisha bejn pet sitting u pet boarding u dan għaliex iż-żewġ attivitajiet huma distinti u separati minn xulxin. Filwaqt li pet sitting tirreferi għal fatt illi l-annimal ikun qiegħed jiġi miżmum f'ambjent ta' dar (mingħajr ma jinżamm ġo gaġġa u jkun liberu fil-movimenti tiegħu) pet boarding tirreferi għaż-żamma tal-annimali ġewwa gaġġeġ (kennels) fejn il-movimenti tiegħu jkunu ristretti. Illli huwa ċar minn qari akkurat tal-L.S. 439.15 tal-Liġijiet ta' Malta illi din titkellem u tirregola l-każijiet fejn l-annimali jkunu miżmumin ġewwa gaġġa u mhux ikunu liberi fil-moviment tagħhom. Illi tant hu hekk illi fit-test Ingliż tal-L.S. de quo, il-frażi stabbiliment tal-akkomodazzjoni tal-annimali' taqra 'a boarding establishment for animals'. Ma hemmx dubju allura li din il-liġi tirregola esklussivament l-attivita' ta' pet boarding liema attivita' kif sejjer jintwera hija distinta mill-attivita' ta' pet sitting u dan anke kif xehedu kemm ir-rappreżentanti tal-Animal Welfare u kif ukoll tal-Veterinary Regulation Directorate fejn jiddistingwu bejn dawn iż-żewġ kunċetti u saħansitra saħqu li preżentement hemm abbozz ta' liġi illi se jkun qiegħed jirregola l-pet sitting stante li l-Liġi preżenti tirregola l-pet boarding.

(iii) ../..L-appellanti fl-isfond tal-premess kollu jistaqsu kif qatt jistgħu huma jiġu misjuba ħatja li operaw bħala dog boarders mingħajr liċenza meta la l-Animal Welfare, la l-Veterinary Regulation Directorate u lanqas l-Avukat Ġenerali ma kienu f'pożizzjoni li b'ċertezza jikklassifikaw l-attivita' tal-esponenti bħala waħda ta' dog boarding u mhux waħda ta' pet sitting?

(iv) Illi skont l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-argument tal-appellanti illi sabiex is-servizz li kienu qed joffru jiġi determinat bħala pet boarding hi riedet issakkar il-klieb ġol-gaġġeġ jew ġo kmamar ma jreġġiex u dan għaliex fil-Liġi tiddefinixxi l-kelma akkomodazzjoni/stabbiliment bħala 'kull fond inkluż fond privat fejn tkun qiegħda tiġi provduta akkomodazzjoni għal annimali fuq bażi kummerċjali'. Illi l-appellanti umilment ma jaqblu xejn ma tali konklużjoni u dan għaliex wieħed ma jistax jieqaf sempliċement fuq id-definizzjoni biss iżda jrid jara l-elementi oħra neċessarji fir-rigward tal-istess definizzjoni illi jirriżultaw mill-Artikolu 7 tal-istess L.S. u li huwa intestat bħala akkomdazzjoni u tagħmir. Ukoll l-Artikolu 8(2). Illi dawn iż-żewġ artikoli allura jabbinaw il-kelma akkomodazzjoni mal-kelma magħlaq fis-sens illi persuna ma tistax toffri servizzi u jkollha l-liċenza sabiex iżżomm klieb sakemm mhux qiegħda żżomm l-istess klieb ġewwa l-gaġġeġ. Illi dan ifisser illi l-Liġi tirregola dawk in-nies li jipprestaw servizzi tagħhom fejn iżommu klieb jew qtates ġewwa gaġġeġ apposta. Illi a contrario sensu stante li l-esponenti ma jħommux il-klieb tagħhom ġewwa gaġġeġ iżda joffru s-servizz totalment differenti fejn iżommu l-klieb liberi jiġru ġewwa d-dar jew fuq il-bejt il-Liġi de quo ma tistax tapplika għalihom. Illi l-appellanti jikkontendu li wieħed ma jistax jaqbad id-definizzjoni ta' stabbiliment in iżolament iżda wieħed irid japplika tali definizzjoni fl-ispirtu u fil-kelma tal-Liġi nnifisha.

(v) Illi dan ifisser illi l-Prosekuzzjoni kellha tipprova illi l-attivita' tal-esponenti tinkwadra ruħa bħala attivita' ta' pet boarding fil-parametri tad-definizzjoni ai termini tal-L.S. 439.15. Illi fl-umli fehma tal-esponenti l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprovda dan u għalhekk kellhom jiġu liberati mill-ewwel żewġ imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom. Dan għaliex kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni li tipprova permezz ta provi ammissibbli illi l-attivita' operata mill-esponenti tammonta għal pet boarding fil-parametri tad-definizzjoni kontenuta fir-regolament (2) tal-L.S 439.15 u ċjoe billi tipprova illi : - i) il-klieb ma kienux jinżammu mill-esponenti għal inqas minn 24 siegħa iżda wkoll li kienu jorqdu fl-istabbiliment tal-esponenti u ii) il-mod kif jinżammu l-annimali huwa dak li wieħed tipikament jistenna minn dog boarding facilities ossia klieb li jiġu miżmuma f'magżlaq (kennels); u iii) kien hemm bażi kummerċjali ossia qliegħ. Illi l-appellanta Lara Caruana għalkemm kellha d-dritt li tibqa' siekta għażlet illi tieħu l-pedana tax-xhieda u tispjega l-operat tagħha fejn anke uriet id-distinzjoni bejn pet sitting u pet boarding u saħqet illi l-attivita' ġestita' minnha u minn żewġha ma tistax titqies bħala pet boarding iżda tikkwalifika biss bħala pet sitting.

(vi) Jsegwi allura li kull konklużjoni jew aħjar inferenza li l-attivita' tal-appellanti tammonta għal dog boarding ma tkun xejn għajr assunzjoni u konklużjoni mibnija fuq suppożizzjonijiet – u fil-kamp penali assunzjonijiet u konġetturi ma jġorru ebda valur probatorju.

(vii) **Xewqa tal-appellanti illi jirregolaw il-pożizzjoni tagħhom:** f'dan l-isfond l-esponenti jemfasizzaw u jisħqu li ma kien ikollhom assolutament l-ebda problema jew oġġezzjoni li jottemporaw ruħhom ma liġi kieku fil-fatt kien hemm xi liġi applikabbli u li tirregola n-natura tal-attivita' ġestita' minnhom. Tali liġi pero' sal-lum hija ineżistenti.

(viii) **Dwar il-piena erogata:** illi l-appellanti umilment jirrelevaw ill l-piena mogħtija lilhom u ċjoe' ta' Ewro 6000 hija waħda eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Illi jiġi rilevat ukoll li minkejja illi l-pieni applikabbli ossia dawk kontemplati fil-Kapitolu 415 tal-Liġijiet ta' Malta huma fermament ħorox (u hekk għandu jkun għaliex il-moħqrija tal-annimali hija għal kollox intollerabbli) l-esponenti jisħqu li kieku dina l-Onorabbli Qorti kellha tirriskontra ħtija fihom, il-piena kominata għandha jekk xejn tkun waħda de minimis stante għaliex hawnhekk mgħandhiex każ ta' moħqriaj tal-annimali. Anzi bil-kontra.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni. Ir-rwol tagħha huwa li tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Din il-Qorti ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta din tkun għamlet apprezzament korrett tal-provi li jkunu inġiebu quddiemha. Dwar l-irwol ta' din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Emanuel**

**ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal hekk:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Għalhekk bħala regola[2] din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tagħmilx evalwazzjoni ġdida tal-provi u tiddeċiedi l-każ hi mill-ġdid b'mod li tissostitwixxi dak ix-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati qabilha. Il-Liġi timponi l-obbligu fuq il-Qorti tal-Maġistrati li tagħmel l-analiżi tal-provi u tal-argumenti legali fil-kawża biex imbagħad tkun dik il-Qorti li tasal għall-konklużjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew mhux

---

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu inġiebu għall-ġudizzju tagħha. Imbagħad jekk xi parti tħossha aggravata minn dik is-sentenza, il-Liġi tipprovdi r-rimedju ta' reviżjoni ta' dik is-sentenza quddiem din il-Qorti. Għalhekk bħala regola, ir-rwol ta' din il-Qorti mhux dak li tissostitwixxi x-xogħol li tkun għamlet il-Qorti tal-Maġistrati iżda li tirrevedi x-xogħol li jkun sar minn dik il-Qorti biex tara jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx, legalment u raġonevolment, tasal għall-konklużjonijiet li tkun waslet għalihom. Din il-Qorti tagħmel dan billi tistħarreġ hi stess il-provi li jkunu inġiebu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u l-argumenti li jkunu saru quddiemha. Tant hu hekk li huwa biss f'każijiet eċċezzjonali li din il-Qorti tista' taċċetta li jiġu prodotti provi ġodda fi stadju ta' appell.[3]

6. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, **<u>anke jekk in bażi tal-istess provi din il-Qorti setgħet tasal għal konklużjonijiet differenti</u>**, din il-Qorti xorta ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, u waslet għal konklużjoni jew waħda mill-konklużjonijiet li hija setgħet legalment u raġonevolment tasal għalihom in bażi għall-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha u allura tkun waslet għal konklużjoni li fiċ-ċirkostanzi tal-każ kienet korretta jew waħda mill-konklużjonijiet korretti li setgħet tasal għalihom, din il-Qorti ma tkunx tista tibdel dik il-konklużjoni sempliċiment għaliex ma tkunx taqbel magħha għax kienet konklużjoni differenti minn dik li din il-Qorti kienet tasal għaliha li kieku kienet qed tiddeċiedi hi l-każ.

7. Apparti minn hekk il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati. Biex il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tkun tista' tiġi mibdula fl-istadju tal-appell, din il-Qorti trid tkun konvinta li, in bażi għall-provi u l-argumenti legali li tresqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, dik il-Qorti ma tkunx setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet in kwantu bħala riżultat ta' dawk il-provi il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tkun dik jew waħda minn dawk li tkun waslet għalihom. Dan allura jfisser li biex din il-Qorti tkun tista' tirrevedi jew tibdel dik il-konklużjoni jkun irid jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati tkun b'xi mod żbaljat fl-apprezzament

[3] U dan biss fil-parametri tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikolu 424 tal-Kodiċi Kriminali.

tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha. Huwa frott ta' dan l-iżball li jkun sar mill-Qorti tal-Maġistrati li allura jagħti lok lil din il-Qorti tqis li ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet li jkunu ġew milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. F'dak il-każ allura ma jkunx jista' jingħad li l-Qorti tal-Maġistrati tkun setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha biex b'hekk, din il-Qorti bħala Qorti tal-Appell Kriminali u allura qorti ta' reviżjoni jkollha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[4]

8. Il-Liġi tafda primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi u l-ġudizzju dwar jekk l-imputat huwa ħati jew mhux ħati tal-imputazzjonijiet li jkunu ġew miġjuba kontra tiegħu. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, in kwantu tkun il-Qorti ta' ġurisdizzjoni dwar il-meritu tal-każ partikolari, tkun fl-aħjar qagħda li tqis u tevalwa l-provi kollha għaliex, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Dik il-Qorti hija fdata bl-irwol li tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li bħala regola din il-Qorti – in kwantu hija Qorti ta' reviżjoni – ma jkollhiex l-opportunita li tagħmel.

9. U minn dan joħroġ kemm huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi, apprezzament tax-xiehda u l-eventwali deċiżjoni fil-meritu dwar il-ħtija tal-imputat f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. U huwa għalhekk ukoll li dan l-eżerċizzju li jsir minn dik il-Qorti fih responsabilita kbira; u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, b'mod li allura dak l-eżerċizzju ta' analiżi u skrutinju ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq. Kif spjegat iżjed il-fuq jiġi disturbat meta din il-Qorti ta' reviżjoni tara li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati ma tkunx waħda minn dawk li legalment u raġonevolment setgħet tasal għalihom.

---

[4] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

10. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn dik il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-Appell ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti ta' appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

11. Biex tagħlaq fuq dan il-punt, din il-Qorti tirreferi għall-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiż nhar is-7 ta' Marzu 2002 fejn dwar l-irwol aħħari ta' din il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni tas-sentenżi tal-Qorti tal-Maġistrati intqal li:

> F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza. Mhux bizzejjed li din il-Qorti jista' jkollha opinjoni differenti mill-ewwel Qorti ghal dak li jirrizulta mill-provi, ghax, jekk l-ewwel Qorti setghet ukoll xorta wahda tasal ghad-decizjoni li waslet ghaliha fuq il provi li kienu quddiemha, mhux il-funzjoni ta' din il-Qorti li tissostiwixxi tali decizjoni bid-decizjoni taghha.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

12. Illi mill-istħarriġ kondott mill-Pulizija irriżultalha li f'Diċembru tas-sena 2018, il-Pulizija tal-Għassa tal-Ħamrun irċevew kwerela mingħand ċertu Michael Hudson li iddenunċja lis-sidien ta' fond li jġib l-indirizz 20, 'Maria', Triq Reġjonali, Santa Venera minħabba f'li kienu qiegħdin joperaw stabbiliment ta' *pet sitting* tal-klieb mingħajr liċenza. Hudson irraporta wkoll li l-klieb ma kienux qiegħdin jinżammu f'ambjent xieraq u li ma kienx jingħatalhom trattament xieraq apparti li kienu wkoll jinbħu u jagħmlu ħafna storbju.

13. Illi fid-29 ta' Diċembru 2018, għall-ħabta ta' xi 14.30hrs, il-Pulizija mill-Għassa tal-Ħamrun flimkien ma' uffiċjali tal-Animal Welfare, għamlu ispezzjoni għall-għarrieda f'din ir-residenza. Irriżulta li fil-ħin tal-ispezzjoni kien hemm tlettax -il kelb ta' razez differenti, il-maġġjor parti tagħhom kienu 'micro-chipped' u kienu miżmuma f'ambjent xieraq u nadif.

14. Is-sidien ta' din ir-residenza, l-appellanti CARUANA u BEZZINA, ġew mitkelma mill-Pulizija u ntalbu sabiex jipprovdu l-permessi u l-liċenzji neċessarji sabiex huma jkunu jistgħu joperaw din l-attivita' iżda huma stqarrew li dik l-attivita' minnhom operata - li tissejjaħ 'pet sitting' - ma kienet teħtieġ ebda permess biex tkun tista' titħaddem in kwantu ma kienetx regolata mil-Liġi.

15. Illi sussegwentement, il-Pulizija proċedew kontra l-appellanti.

## Ikkunsidrat

16. Illi l-ewwel u t-tieni imputazzjoni kif dedotti kontra l-appellanti huma bbażati fuq il-ksur tar-Regolament numru 3(1)(2) tal-L.S. 439.15 liema provvediment jaqra bil-mod segwenti:

> 3.(1) Ħadd ma jista' jopera stabbiliment tal-akkomodazzjoni tal-annimali mingħajr ma jkollu liċenza.
>
> (2) Kull persuna li topera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għal annimali jew ikollha l-intenzjoni li topera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għal annimali għandha tapplika għal liċenza għand id-Direttur minn ta' lanqas xahrejn qabel ma' tibda l-attività.

17. Mill-punto di vista legali, il-punt tat-tluq għal dawk li b'xi mod jidħlu responsabbli għal xi annimal jew li jieħdu ħsieb annimal jitnissel mill-obbligu ġeneriku maħluq mill-artikolu 8 tal-Kap 439 fejn jgħabbi lil dawn il-persuni bir-responsabbilta li jieħdu dawk il-passi raġonevoli f'kull ċirkostanza sabiex jiżguraw li l-ħtiġiet tal-annimal li huma responsabbli għalih jew li jieħdu ħsieb, jintlaħqu hekk kif meħtieġ bi prattiċi tajba biex tiġi żgurata s-saħħa u l-benesseri tal-annimal.

18. Il-ħtiġiet ta' annimal tinkludi l-**<u>provvista ta' ambjent xieraq</u>**, provvista ta' dieta sana, **<u>lok sabiex l-annimal jesprimi l-imġiba normali tiegħu</u>**, **<u>provvista ta' akkomodazzjoni xierqa</u>**,

segregazzjoni minn annimali oħra fejn meħtieġ, u protezzjoni minn uġigħ, tbatija, korrimenti u mard.

19. Iżda l-Liġi ma tipprovdix biss din il-linea di massima, iżda tidħol f'ċertu dettall, bil-mezz tal-Liġijiet sussidjarji, dwar kif din ir-responsabilita umana għall-ħarsien tal-annimali għandha titwettaq b'mod konkret. Bla dubju ta' xejn, il-Leġislatur huwa ispirat minn sens ta' rispett kbir lejn l-annimali, b'liġijiet li joħolqu prinċipji ta' ċivilta' dwar il-mod kif il-bnedmin għandhom jinteraġixxu mal-annimali u kif il-bnedmin għandhom jieħdu ħsieb l-annimali.

20. Hekk per eżempju, b'mod partikolari b'rabta mal-klieb, il-Liġi Sussidjarja 439.21 titratta Regolamenti dwar iż-Żamma tal-Klieb, li fost affarijiet oħra, tippreskrivi li ż-żamma ta' klieb fi spazju limitat huwa permess biss f'kumpartiment adekwat skont l-Iskeda ġewwa żona mdawra bi ċnut sikuri. Skont din l-iskeda, l-ispazju minimu għal kull kelb qatt ma m'għandu jkun inqas minn dan li ġej:

> Kull kumpartiment għandu jkun provdut b'żona tal-irqad u żona tal-eżerċizzju bid-daqs mhux inqas minn dan li ġej:

| Għoli mill-gerriesa tal-kelbv | Erja minima ta' art | Tul minimu tal-iqsar ġenb |
|---|---|---|
| <30ċm | (1+N) x 1m kwadru | 1m |
| 30-50ċm | (1+N) x 1.2m kwadru | 1.2m |
| >50ċm | (1+N) X 1.5m kwadru | 1.2m |

N tirreferi għan-numru ta' klieb fl-istess kumpartiment

21. Minn din il-Leġislazzjoni Sussidjarja mill-ewwel jidher ċar li l-mod kif il-Leġislatur kellu f'moħħu li jirregola dan il-qasam huwa billi jipprovdi dawk l-istandards li huwa jqis li jkunu l-minimi aċċettabbli u possibbli. Il-Leġislatur ma jipprovdix il-massimu ta' spazju zona tal-irqad u zona tal-eżerċizzju tal-klieb għandha tkun. Allura dan ifisser li dak li mhux legalment aċċettabbli huwa li persuna li tkun responsabbli ta' kelb jew tidħol biex tieħu ħsieb kelb żżomm kelb fi spazji li jkunu anqas minn dawk preskritti fl-iskeda.

22. Forsi l-ħsieb tal-Leġislatur ma ġiex esplikat f'din il-Liġi Sussidjarja b'mod espliċitu daqs kemm hemm għamel f'Liġi Sussidjarja oħra li titratta l-operazzjoni ta' Santwarji tal-Annimali (Liġi Sussidjarja 439.14) u dik ta' Stabbilimenti ta' akkomodazzjoni ta' klieb u qtates (Liġi Sussidjarja 439.15).

23. Hawnhekk il-Leġislatur mill-ewwel stqarr li dawk previsti f'dawn il-Liġijiet huma standards minimi li jridu jiġu osservati. Fil-fatt ħarsa lejn dawn l-istandards minimi marbuta maż-żamma tal-klieb huma prattikament identiċi.

24. Iż-żamma ta' standards minimi timplika fiha nnifisha li l-Leġislatur kien irid li ebda kelb ma jiġi miżmum f'kundizzjonijiet li ma jkunux jilħqu dawn l-istandards minimi. Iżda għal darb'oħra il-Leġislatur ma jippreskrivi l-ebda limitu kwantu għall-massimu tal-ispazju li fih kelb jista' jiġi miżmum jew jitħalla liberu li jimraħ fih. Dawn l-istandards ma jobbligawx lil min ikun irid joffri santwarju jew akkomodazzjoni lil klieb biex bilfors iżommhom fi spazji ta' mgħalaq li jkunu dawk imsemmija fil-liġi. Dak li l-Leġislatur qiegħed jgħid huwa li jekk klieb għandhom jinżammu f'magħlaq, ebda magħlaq ma jista' jkun iżgħar minn dawk id-dimensjonijiet imsemmija fil-Liġi, jew li ma jkunx – bħala minimu – jħares dawk l-ispeċifikazzjonijiet. Jekk kelb ikun miżmum fi spazju li mhux magħlaq u li huwa ta' daqs ferm ikbar, iżjed arjuż, iżjed spazjuż, iżjed sikur, iżjed dinjituż minn dawk previsti fl-istandards minimi, allura jkun tant l-aħjar għal dak il-kelb.

25. Allura l-każ in disamina jrid jiġi qabel xejn mistħarreġ minn dan il-punt ta' tluq.

26. Dan l-appell allura jittratta sejbien ta' ħtija fl-appellanti minħabba li skont il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) operaw stabbiliment ta' akkomodazzjoni tal-annimali mingħajr ma kellhom il-liċenza biex jagħmlu dan mid-Direttur tas-Servizzi Veterinarji kif ukoll talli naqsu milli jagħmlu applikazzjoni għal liċenza għand id-Direttur ta' l-anqas xahrejn qabel il-bidu tal-attivita tagħhom. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eskludiet li dan kien każ ta' moħqrija ta' annimali mill-appellanti jew li kien każ li l-appellanti naqsu milli jieħdu il-prekawzjonijiet meħtieġa biex ma jħallux lil dawk l-annimali idejqu lill-ġirien permezz ta' nbiħ, tnewwieħ jew xort'oħra. Dan qiegħed jingħad għax il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx lill-appellanti ħatja ta' dik l-imputazzjoni.

27. L-appellanti jikkontendu li l-attivita tagħhom ma kienetx ta' operaturi ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni tal-klieb (pet boarding) iżda kienet dik ta' persuni li jieħdu ħsieb klieb ta' ħaddieħor (pet sitters). Huma jgħidu li l-attivita' tagħhom kienet waħda ta' "pet sitting" u li ma kienetx teħtieġ liċenza. Fi kwalunkwe każ, din il-Liġi Sussidjarja ma tapplikax għalihom minħabba li huma ma kienux

iżommu klieb f'imgħalaq, iżda kien jżommu klieb jgħixu magħhom fi spazji u kmamar ferm ikbar minn dawk previsti mill-Liġi Sussidjarja 439.15. Jargumentaw li dik il-Liġi kienet applikabbli għal akkomodazzjoni ta' klieb f'imgħalaq u allura ladarba huma ma kienux iżommu klieb f'imgħalaq tali liġi kienet inapplikabbli għalihom; tant li l-anqas setgħu japplikaw għal liċenza taħt dik il-Liġi.

28. Din il-Qorti ma taqbilx ma din l-interpretazzjoni tal-Liġi, għar-raġunijiet li ġejjin:

29. Qabel xejn jidher li l-konfużjoni qamet minħabba li mill-affidavits tal-Pulizija u mir-rapporti u dokumenti eżebiti l-attivita' żvolta mill-appellanti kienet qegħda tiġi mistħarrġa mill-aspett dwar jekk kienetx attività ta' "pet sitting". Irrispettivament minn kif kienu jħarsu lejn l-attivita l-appellanti u irrispettivament minn kif kien jsejħu huma lill-attivita li huma kienu jiżvolġu, l-awtoritajiet kompetenti u l-appellanti kellhom iħarsu lejn din l-attivita mill-lenti oġġettiva u sostantiva. Allura l-mistoqsija kellha tkun: fl-essenza tagħha l-attivita żvolta mill-appellanti kienet dik li tinvolvi fiha t-tħaddim ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni għall-klieb? Jekk it-tweġiba kienet li l-attivita tal-appellanti kienet kollha kemm hi jew almenu in parti tinvolvi l-għoti ta' servizzi ta' akkomodazzjoni għall-klieb, allura t-tweġiba kellha tkun sempliċi – il-Liġi Sussidjarja 439.15 kienet tapplika għalihom – anke jekk fl-istess waqt huma kienu ukoll jiżvolġu attivitajiet oħra li kienu jistgħu wkoll jitqiesu, skonthom, bħala "pet sitting".

30. Ir-Regolament numru 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 439.15 jagħti definizzjoni ta' xi jfisser "stabbiliment" kif ukoll "magħlaq", għalkemm ma jagħtix definizzjoni ta' xi tkun "akkomodazzjoni". Igħid hekk:

> ''magħlaq" tfisser spazju ristrett fejn jinżammu l-annimali;
>
> "stabbiliment" tfisser kull fond, inkluż fond privat, fejn tkun qegħda tiġi provduta akkomodazzjoni għal annimali fuq bażi kummerċjali.

31. Il-Leġislatur irid li kull akkomodazzjoni ta' klieb tkun waħda li tissodisfa ċerti kriterji minimi li jridu jiġu rispettati għal kull magħlaq. Il-Liġi però ma tagħtix tifsira dwar xi jkun magħlaq, għajr ħlief li tagħti d-dimensjonijiet minimi u strutturali li magħlaq irid ikollu. Żgur hu li magħlaq trid tinftiehem bħala dak l-ambjent jew struttura interna – tkun xi tkun - maħsuba li toffri kenn u protezzjoni lill-klieb kontra l-elementi naturali jew annimali jew oġġetti oħra li jistgħu jkunu ta'

ħsara għalihom u fejn il-klieb ikunu jistgħu jgħixu parti sostanzjali minn ħajjithom b'mod sikur għas-saħħa u sigurtà tagħhom.

32. Qabel xejn il-Leġislatur jagħti definizzjoni ta' xi tfisser il-kelma "stabbiliment". Stabbiliment tfisser kull fond, inkluż dar privata, fejn tkun qegħda tiġi provduta akkomodazzjoni għal annimali fuq bażi kummerċjali. It-tifsira tal-kelma "akkomodazzjoni" trid tkun dik ordinarjament mogħtija lil dik il-kelma - mingħajr ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni – iġifieri fond li fih xi ħlejqa tgħix, toqgħod, torqod jew tqum fiha. Allura dil-Liġi Sussidjarja tapplika għal dawk li jagħżlu li f'xi fond, **<u>ikun xi jkun</u>**, jipprovdu tali akkomodazzjoni – allura l-possibilita li jgħixu, joqgħodu, jorqdu jew iqumu klieb - fuq bażi kummerċjali; u allura dawk li jagħżlu li jiżvolġu din l-attivita jridu jħarsu d-disposizzjonijiet ta' din il-Liġi Sussidjarja – anke jekk ikunu jipprovdu servizzi oħra lil hinn minn tali servizzi ta' akkomodazzjoni għall-klieb.

33. Dan huwa rifless b'mod mill-iżjed ċar fir-Regolament 3(1) fil-fatt jgħid li ħadd ma jista' jopera stabbiliment tal-akkomodazzjoni għall-annimali mingħajr ma jkollu liċenza. Għal darb'oħra hawnhekk il-Liġi ma tgħidx li ħadd ma jista' jopera stabbiliment ta' imgħalaq għall-annimali, iżda li ħadd ma jista' jopera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għall-annimali – stabbiliment intiż bħala fond li jista' ikun residenza privata, u li fih jiġi provdut servizz ta' akkomodazzjoni għal klieb bil-għan ta' qliegħ. Fi kliem sempliċi, imgħalaq jistgħu jinkludu *kennels*, iżda mhux biss.

34. Imbagħad, ir-regolament 3(2) jippreskrivi l-obbligu fuq kull persuna li topera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għal annimali jew ikollha l-intenzjoni li topera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għal annimali li tapplika għal liċenza għand id-Direttur minn ta' lanqas xahrejn qabel ma' tibda l-attività. Għal darb'oħra l-għan tal-Liġi Sussidjarja huwa li min jipprovdi tali servizzi ta' akkomodazzjoni jrid jassigura li l-imgħalaq li fihom jinżammu dawn il-klieb iridu jissodisfaw il-kriterji minimi msemmija fir-regolament 7(2) ta' din il-Liġi Sussidjarja. Jekk l-ambjenti li fihom jiġu miżmuma l-klieb ikollhom standards ogħola minn dawk il-minimi stabbiliti allura jkun aħjar għall-klieb li jinżammu hemmhekk.

35. Dan huwa wkoll rifless minn din l-istess Liġi li teħtieġ li kull kelb li jkun miżmum fi stabbiliment ta' akkomodazzjoni għal annimali f'kull ħin jinżamm f'akkomodazzjoni adatta għall-ispeċi tiegħu fir-rigward

ta' kostruzzjoni, qjies, temperatura, dawl, ventilazzjoni u ndafa. L-akkomodazzjoni kollha għandha tinżamm f'kondizzjoni tajba. L-ispeċifikazzjonijiet minimi għal tali akkomodazzjoni huma dawk preskritti fir-regolament 7(2) ta' din il-Liġi Sussidjarja. Allura min jopera stabbiliment ta' akkomodazzjoni għall-klieb li ma jkunx jissodisfa dawk il-kriterji minimi jkun qiegħed jikser id-disposizzjonijiet ta' dik il-Liġi, peress li dik l-akkomodazzjoni trid tkun bilfors, bħala minimu, tissodisfa dawk il-kriterji minimi msemmija fir-regolament 7(2) u ma tistax tkun akkomodazzjoni li tipprovdi għal standards agħar jew anqas minn dawk. Iżda jekk bħala fatt l-istabbiliment ta' akkomodazzjoni ta' klieb jipprovdi ambjenti li jkunu jipprovdu standards għola minn dawk previsti fir-regolament 7(2) ta' din il-Liġi Sussidjarja jew differenti minn dawk hemmhekk previsti, ma jfissirx li ma jibqgħux stabbilimenti ta' akkomodazzjoni ta' klieb milquta mid-disposizzjonijiet ta' din il-Liġi Sussidjarja – kif donnhom jargumentaw l-appellanti.

36. Din il-Liġi Sussidjarja ma tgħidx li din il-Liġi tapplika biss għal dawk li jipprovdu imgħalaq għall-klieb skont ir-regoli previsti fir-regolament 7(2) u li allura min għandu strutturi differenti minn dawk – anke jekk jieħdu ħsieb, iżommu, iraqdu u jqajmu l-klieb ta' ħaddieħor magħhom f'dik l-istruttura bi skop ta' qliegħ – jew għaliex jipprovdu servizzi oħra flimkien ma jew lil hinn mill-akkomodazzjoni tal-klieb – allura ma jkunx soġġett għal din il-Liġi.

37. L-anqas ma din il-Liġi Sussidjarja tirrikjedi li l-annimali għandhom f'kull ħin jinżammu f'magħlaq jew fil-magħluq. Il-Liġi tgħid kif l-annimali għandhom jinżammu f'kull ħin f'akkomodazzjoni (**u mhux f'magħlaq**) adattata għall-ispeċi tagħhom. Dan ir-regolament jaqra hekk:

> Qasam għall-eżerċizzju
>
> (7)Il-qasam għall-eżerċizju għandu jkun separat mill-qasam tal-irqad u għandu jkun esklussivament għal kull magħlaq u **disponibbli għall-kelb jew klieb f'kull ħin ħlief bil-lejl.[5]** Dan il-qasam m'għandux jintuża bħala qasam għall-irqad.
> (8)Il-qasam għall-eżerċizzju għandu jkun imsaqqaff, minn tal-inqas sa nofsu,biex il-klieb ikunu protetti biżżejjed kontra t-temp.

[5] Enfasi miżjuda

> (9)Meta t-temp ma jkunx f'kundizzjoni tajba, il-persuna responsabbli għall-istabbiliment għandha tiddeċiedi jekk il-klieb **jitħallew jew le jiġru fil-qasam tal-eżerċizzju tagħhom.**[6]

38. B'hekk l-akkomodazzjoni tal-klieb b'fini kummerċjali irid ikollha spazji u ambjenti li jissodisfaw il-kriterji minimi stabbiliti fejn il-klieb jistgħu jgħixu u jorqdu, fejn jiġu mitmugħa u akkuditi. Biss għalkemm fir-Regolament numru 8(2) jgħid li kull annimal għandu jiġi akkomodat f'magħlaq separat, dan ma jfissirx li l-annimal għandu f'kull ħin tal-ġurnata jiġi msakkar ġewwa dan il-magħlaq; jew li f'ambjent ta' magħlaq ma jistgħux jgħixu wkoll klieb oħra – dment li d-daqsijiet u speċifikazzjonijiet minimi msemmija fil-Liġi jkunu ġew osservati. Dan jirriżulta ċar anke mill-lokuzzjoni tal-Liġi fil-verżjoni Ingliża ta' din il-leġislazzjoni sussidjarja fejn huwa mandatorju li kull annimal miżmum fl-istabbiliment għandu jkun **<u>provdut</u>** magħlaq/*enclosure* u mhux li kull annimal għandu jkun hemmhekk maqful u miżmum f'kull ħin:

> (2)Each animal shall **be provided with**[7] a separate enclosure. Animals from the same household may share an enclosure of adequate size with the written consent of the animals' owner. In case of animals sharing an enclosure separate beds for each animal shall be provided.

39. Anzi, mit-taqsima 'Qasam għall-Eżerċizzju' fl-Iskeda Ċ, ikun jirriżulta kif l-annimali tal-istabbiliment huma dejjem ħielsa li jużaw iż-żona tal-eżerċizzju **<u>f'kull ħin</u>** (salv il-ħinijiet ta' bil-lejl) ħlief meta jkun il-maltemp f'liema każ **<u>biss</u>** jidher li l-persuna responsabbli tkun tista' tirrestrinġi l-liberta' tal-annimali billi tiddeċiedi jekk tħallihomx jiġġerrew barra jew le.

40. Qari ta' din il-Liġi Sussidjarja għalhekk iġġiegħel lil din il-Qorti tikkonkludi li l-intiża warajha hija li tipprovdi standards minimi li jirregolaw l-akkomodazzjoni tal-klieb fi stabbilimenti intiżi għall-qliegħ. Mela persuni li jridu joffru dawn is-servizzi jridu jaraw li l-fond li minnu jipprovdu dawn is-servizzi jrid ikun iħares dawn l-istandards minimi. Jekk l-operatur jagħżel li jipprovdi akkomodazzjoni għal għadd ta' klieb fi kmamar li ma jissodisfawx l-istandards minimi ta' daqsijiet u konfigurazzjoni ta' dawk previsti minn din il-Liġi għall-imgħalaq, allura dak l-operatur xorta waħda jkun suġġett għal din il-Leġislazzjoni Sussidjarja – irrispettivament minn kif hu jiddeskrivi s-servizz li joffri – dment li huwa jagħmel dan bi skop ta' qliegħ.

---

[6] Enfasi miżjuda
[7] Enfasi miżjuda

41. Illi huwa indubitat li l-appellanti kienu sidien jew detenturi tal-fond li jġib l-indirizz 20, 'Maria' Triq Reġjonali, Santa Venera. Jirriżulta wkoll ippruvat *ex admissis* mix-xhieda tal-appellanta Lara Marie BEZZINA li ġewwa dan il-fond privat, nonche' r-residenza tagħha u ta' żewġha l-appellant, kien jinżamm numru mdaqqas ta' klieb ta' diversi razez. Mill-għadd ta' klieb li seta' jkollhom f'din ir-residenza f'ġurnata waħda jew f'perjodu partikolari, huma biss sitta[8] dawk il-klieb li kienu tagħhom personali. Il-bqija kienu klieb li kienu jiġu fdati lilhom mis-sidien tagħhom għal xi żmien: min biex imur għax-xogħol, min biex isiefer fit-tul u min għaliex kien jafda lill-appellanta bit-"training" tal-kelb tiegħu minħabba natura goffa jew infeliċi.[9]

42. F'paġna 152 tax-xiehda tagħha, Lara Marie BEZZINA tirreferi għal din l-attivita' bħala x-xogħol tagħha:

> Xhud: Jien ix-xogħol tiegħi huwa pet sitting jiġifieri li ikun hemm in-nies li they own a dog, ikunu irrid issifru jew irridu jmorru għax-xogħol, any day, u one day ximkien u javdaw il kelb tagħhom għandi issa is Sistema tiegħi

.../...

> Difiża: Dawn il klieb fej jinżammu
> Xhud: Jinżammu d-dar, għandi żewġ sulari għandi il klieb iz żgħir bħal Yorkshire, Chihuahua, il-klieb ta' razzez żgħir jinżammu d-dar ġewwa magħna fejn għandna is-sodda is-salot, whatever and they can, they are open to all areas u għandi l-kbar ikunu fuq ir-raġuni hija waħda sempliċi li hekk il-kelb kbir u huwa friendly u ħa jilgħab ma żgħir ħa jweġġaw mhux għax ikun irrid imma ħa jilgħab goff. Dik hija normali u common sense..

43. Il-Prosekuzzjoni eżebiet ukoll *screenshots*[10] meħudin mill-paġna facebook tal-appellanti fejn dawn juru l-kummenti pożittivi li n-nies ħallew fuq is-servizz offert mill-appellanti. F'dawn l-i *screenshots* jidhru wkoll riklami li kienu jagħmlu l-appellanti stess fuq il-paġna tagħhom fuq Facebook minn fejn jirriżulta wkoll biċ-ċar li dan kien servizz offrut lil sidien ta' klieb bi ħlas tant li anke jingħad li kien jitħalla donazzjoni lil xi santwarju – wieħed jifhem tal-klieb. Huwa minn għewl id-dinja li dan jimplika li tali donazzjoni ssir minn dawk il-proventi għas-servizz mogħti lis-sidien tal-klieb li jkunu fdaw il-klieb tagħhom mal-appellanti.

[8] Fol. 153
[9] Fol. 153
[10] Fol. 15 et seq.

44. Hekk żewġ riklami partikolari fejn mhux biss jidher biċ-ċar li din tal-appellanti hija attivita' magħmula ai fini ta' qliegħ, iżda f'wieħed minnhom huma l-appellanti stess li jirreferu għas-servizz minnhom offert bħala li jżommu magħhom il-klieb lejl u nhar – u b'hekk ikunu verament qegħdin jieħdu ħsieb dawk il-klieb – iżda fl-istess waqt li jkunu qegħdin jieħdu ħsiebhom ikunu **ukoll** qegħdin jipprovdu servizz ta' akkomodazzjoni għal dawk l-istess klieb bi skop ta' qliegħ:

**Riklam datat 11 ta' Frar:**[11]

Going on holiday? Don't know where to leave your beloved dog?

Like our page and watch for yourself.

We ensure they are kept in a friendly and clean environment and always with someone at home with them :)

You will be constantly updated, and your dog will surely feel home away from home!

**We are now also open for day cares!**

Limited spaces available!

**Riklam datat 24 ta' Ottubru**[12]

We had 2 cancellations from 30th october till 5th november. Anyone willing to book their dog must be ready to come for 2 trials.

No dog will be **boarded**[13] without a trial!

Thanks
Keith&Lara

45. Jekk kien hemm dubju li anke f'moħħ l-appellanti l-idea li huma jżommu klieb fir-residenza tagħhom mhux biss biex jieħdu ħsiebhom iżda li bħala parti minn dan is-servizz jipprovdu wkoll akkomodazzjoni tirriżulta ċara minn dan ir-riklam. L-użu tal-kelma boarded tneħħi kull dubju minn moħħ il-qarrej dwar x'kien jinkludi s-servizz li huma kienu jrendu mir-residenza tagħhom. "Boarding" sempliċiment tfisser li kelb jitħalla fil-fond kontrollat minnhom fejn jingħata akkomodazzjoni, ikel, xorb, attenzjoni u kura għal perjodu ta' żmien sakemm ikun irritorna għalih sidu.

[11] Fol. 15
[12] Fol. 15
[13] Enfasi miżjuda

46. Dan fil-fatt huwa skoll rifless fix-xiehda tal-appellant in kontro-eżami fejn fuq iż-żamma u ż-żmien taż-żamma tal-klieb fir-residenza tagħhom, Lara Marie BEZZINA xehdet hekk:[14]

> Xhud: Nara id-dati l-ewwel li għandek bżonn nara hekk nistax naqdik
> P.C.: Għalfejn qiegħda tgħidilna dati u mhux data
> Xhud: Heq dati għax inti hekk ħa ssifer ma naħsibx li ħa sifer għal ġurnata
> P.C. Jiġifieri qiegħdin naqblu li il-klieb ġieli raqdu għandek
> Xhud: Użgur mija fil-mija

47. Dan jikkonfermawh ukoll persuni li jidhru li ħallew xi 'reviews' fuq il-paġna tal-Facebook tal-appellanti fir-rigward tas-servizz offrut u provdut minnhom b'referenza għal dawk ir-'reviews' li jinsabu f'paġna 17, 19, 20, 194, 197 fejn ilkoll jidentifikaw ruħom bħala klijenti tal-appellanti li użaw is-servizzi tagħhom ta' akkomodazzjoni għal perjodu twil.

48. Fil-korrispondenza li tinsab f'paġna 88 tal-atti proċesswali bejn Dr. Roberto Balbo u Dr. Noel Montebello u Denis Montebello li dak iż-żmien kien il-Kummissarju tal-Animal Welfare, dan tal-aħħar identifika l-fatturi li jiddistingwu 'pet boarding' minn 'pet sitting' bħala s-segwenti:

> Regarding whether court action should also be taken against the 'pet sitters' for contravening S.L. 439.15, I tend to agree with the AG's advice and a distinction must be made between 'sitting' and 'boarding'. I contend that 'boarding accomodation' as referred to in the law, necessarily implies the keeping of an animal for more than 24 hours and excludes the notion of caring for an animal for short periods of time in any one day, whenever the pet owner is temporarily precluded.
>
> Many other factors should also be considered before any conclusion can be made and Dr. Chetcuti Ganado's report and statements made by the owners of the establishment and the pet owners should shed some light on the type of activity. The rates being asked, whether they are by the hour or by the day, food stocks and the facilities found on the premises are some of the relevant circumstances that would indicate whether the accomodation shoudlbe classified as 'boarding' and needing a licence. Also the number of animals being kept at any one time is indicative of the commercial nature of the operation or otherwise.

49. Dak li jikkategorizza attivita bħala 'pet boarding' a differenza ta' 'pet sitting' ċertament mhux il-mod ta' kif l-appellanti jagħżlu illi

[14] Fol. 168

jsejħu l-attivita' tagħhom. Il-Liġi Sussidjarja 439.15 tapplika għal każ tal-appellanti minħabba li ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-appellanti kienu jiġġestixxu servizz ta' stabbiliment ta' akkomodazzjoni tal-annimali / "dog boarding establishment" u dan stante li:

i) Il-fond li jġib l-indirizz 20 'Maria' Triq Reġjonali Santa Venera huwa fond privat fejn is-sidien/detenturi tiegħu huma l-appellanti;[15]

ii) F'dan il-fond qiegħdin jiġu miżmuma numru mdaqqas ta' klieb fuq bażi kummerċjali, fejn l-istess appellanti Lara Marie BEZZINA iddeskrivietha *ex admissis* bħala l-impjieg tal-appellanta;[16]

iii) Is-servizz offrut mill-appellanti jikkomprendi anki l-fakulta' li l-klijenti tagħhom iħallu l-klieb tagħhom magħhom fit-tul tant li anki jorqdu hemmhekk, jieklu hemmhekk, jinħarġu sabiex jagħmlu l-eżerċizzju u jiġi wkoll trenjati minnhom.[17]

50. Ġie soddisfaċentment ippruvat ukoll li l-appellanti kienu qiegħdin jiġġestixxu din l-attivita' mingħajr il-liċenza[18] meħtieġa skont ir-regolament numru 3(1) tal-L.S.439.15 daqskemm ukoll jirriżulta li ma ngħatatx id-debita notifika rikjesta ai termini tas-subinċiż (2) tal-istess sa żmien xahrejn minn meta bdew joperaw din l-attivita'.

51. Magħdud dan kollu, din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni ta' ħtija fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet kif miġjuba u l-appell tal-appellanti qiegħed jiġi miċħud f'dan is-sens.

**Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena**

52. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti

[15] Inter alia a fol 153 tistqarr li hija żżomm il-klieb bħala parti mill-attivita (li a fol 152 hija tiddeskrivi bħala "dog sitting") fid-dar tagħha. Dan huwa ribadit a fol 154 fejn allura tiddeskrivi li l-klieb jgħixu magħha u mal-familja tagħha u jinżammu liberi li jduru mal-ambjenti tad-dar tagħha; ara wkoll fol 163. A 159 imbagħad tikkonferma wkoll li l-familja Hudson jgħixu fil-fond taħt il-fond li huwa r-residenza tagħha u ta' l-appellant Keith Caruana.

[16] A fol 152 l-appellanta Lara Marie Bezzina tistqarr li l-attivita ta' dog sitting huwa x-xogħol tagħha; ġustament għax-xogħol li hija tagħmel għandha titħallas.

[17] Fil-fatt a fol 168 Lara Marie BEZZINA tikkonferma li l-klieb kemm il-darba raqdu għandha.

[18] Fol. 169

tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."
>
> Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed." This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.

53. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal- aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar il-fuq fl-appell Kandemir u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l- appellant juri li l-piena

mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti.

54. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil- prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita tal- piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita jew eċċessivita manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli : a. għall-offiża in kwistjoni u b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati.

55. U dan mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. Dawn il-prinċipji ġew ukoll imħadnin minn din il-Qorti, kolleġjalment komposta fis-**sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler et** deċiża nhar is-26 ta' Frar 2009 fejn ġie mistqarr ukoll is-segwenti:

> Fil-verita`, dawn il-principji huma rifless tal-principju l-iehor li meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirriżultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il- piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal- fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

56. Il-ġurisprudenza prevalenti f'dan il-kuntest, tgħallem li meta Qorti tiġi biex teroga piena trid tieħu kont taċ-ċirkostanzi kollha li jsawru l-każ, jiġifieri dawk tal-vitmi, l-interessi tal-komunita kollha kemm hi, kif ukoll dawk tal-ħati. F'dan is-sens, kemm il-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik Ingliża tistabbilixxi li fl-eżerċizzju ta' reviżjoni imħolli lilha, il-Qorti tal-Appell Kriminali trid tistħarreġ appell fuq il-piena inflitta kemm billi tqis iċ-ċirkostanzi kollha prevalenti li l-Qorti tal-Ewwel Istanza setgħet kienet f'qagħda li tara, kif ukoll, skont kif imsemmi fis-sentenza Butler tqis anke, possibilment, lil xi ċirkostanza sussegwenti għas-sentenza ta' l-ewwel qorti.

57. Magħmula dawn il-kunsiderazzjonijiet, jirriżulta li l-multa imposta ta' sitt elef euro (€6000) hija multa li iktar tqarreb lejn il-minimu preskritt mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 45(1)(a) tal-Kapitolu 439 tal-Liġijiet ta' Malta u lanqas ma tirriżulta żbaljata fil-prinċipju jew manifestament sproporzjonata. Għalhekk, din il-Qorti ma tqisx li għandha bażi legali sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Qorti fir-rigward tal-kwantita' ta' piena hekk erogata.

# Deċide

**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.**

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**